MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1596/1997/1

***Daniele Lazarova***
***vs***
***Franco Mule' esercitanti l-kummerc fl-isem ta' Pineapple Care Hire.***

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici, wara li ppremettiet: illi l-konvenut obbliga ruhu illi jbiegh vettura tat-tip Daewoo racer lill-attrici;

Illi b'zewg pagamenti, wiehed datat 22 ta' Frar 1996 u l-iehor datat 12 ta' Marzu 1996, hawn annessi bhala Doks. "A" u "B", l-attrici hallset lill-konvenut is-somma ta' LM 1,490 (elf erba' mija u disghin Lira Maltija) bhala pagament akkont fuq il-press ta' vettura tat-tip Daewoo racer, tal-kulur iswed li l-konvenut kellu jbiegh lill-attrici;

Illi l-konvenut baqa' ma kkonsenjax din il-vettura u lanqas ma kien fil-posizzjoni legali illi jaghmel dan il-bejgh stante illi l-vettura ma kenitx propjeta' tieghu;

Illi l-konvenut naqas illi jirrifondi l-imsemmija somma lill-attrici, u ghalkemm debitament interpellat, anke ufficjalment huwa baqa inadempjenti;

Talbet li l-konvenut, ghar-ragunijiet premessi m' ghandhiex din il-Qorti:
1. Tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lill-attrici s-somma ta' LM 1,490 (elf erba' mija u disghin Lira Maltija) bhala depozitu mhallas fuq il-prezz ta' vettura tat-tip Daewoo racer, tal-kulur iswed, li l-konvenut baqa' ma kkonsenjax lill-attrici u li lanqas kien f'posizzjoni legali illi jbiegh stante illi kienet propjeta' ta' haddiehor.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 14 ta' Ottubru 1997, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-istess ittra kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni, u li kontrih qed tigi riservata kull azzjoni ohra spettanti lill-attrici kontrih, inkluza dik kriminali.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa: "illi l-allegazzjoni [ijiet] huma nfondati kemm bhala fatt u kemm bhala dritt u dan kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza minhabba li l-fatt illi n-negozju hekk kif allegat qatt ma sar, u l-pagamenti li ghalihom qieghed isir referenza huma dejn li kien dovut mill-istess attrici lill-konvenut – Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet provi bil-gurament;

Ikkunsiderat:

Illi f' din il-kawza l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tordna li l-konvenut jirrifondi lilha s-somma ta' Lm1,490 pagamenti mhallsa minnha lill-istess konvenut akkont ta' prezz ta' vettura li hija qed issostni li kienet xtrat minghandu u li sussegwentement irrizultalha li l-vettura ma kienitx proprjeta' tieghu.

Illi fl-affidavit u fix-xhieda taghha l-attrici spjegat li fis-sena 1994 hija kienet dahlet fi ftehim ta' negozju mal-konvenut li f' dak iz-zmien kien jiggestixxi negozju ta' car hire. Illi matul dan iz-zmien il-konvenut offrielha li jbeghlha wahda mill-karrozzi li kellu fil-garage tieghu, u hija accettat, u ftehmu fuq il-prezz ta' Lm4,000. Konsegwentement l-attrici ghamlet zewg pagamenti akkont ta' dan il-prezz, wiehed ta' Lm1,000 fit-22 Frar 1996 u l-iehor ta' Lm490.30 maghmul fit-12 ta' Marzu 1996.[1] Il-kumplament kellu jithallas ratealment.

Illi sussegwentement ghall-bejgh l-attrici hadet il-pussess tal-vettura u bdiet tuzaha, izda ghalkemm kienet xtrat il-vettura u ghalkemm kienet hallset l-imsemmija ammonti, il-konvenut kien iddiswadiha milli taghmel it-transfer u qallha wkoll li ma kiellhiex ghalfejn tinkwieta ghax il-vettura kienet precedentement tinutuza minn ommu u kienet inxjurjata.

Illi xi granet wara, l-attrici skopriet li l-konvenut kien xtara l-vettura minghand id-Daewoo bil-hire purchase u li stante li, il-maggjor parti tal-prezz ma kienx ghadu thallas minnu, l-agenti ta' din is-socjeta' kienu qed jigru warajh biex jirriprendu l-pussess taghha. F' dan l-istadju, l-attrici qatghet il-kuntatt mal-konvenut, peress li hasset li dan kien dahaq biha, u rritornatlu il-karrozza fil-garage tieghu.

Illi matul id-deposizzjoni taghha quddiem din il-Qorti, l-attrici tat aktar dettalji dwar t-transazzjoni li kienet ghamlet mal-konvenut, u din il-Qorti, wara li semghatha tixhed hija tal-fehma li ghandha tghatiha affidament.

---

[1] Doki.A u B a fols.4 u 5

Illi ghall-kuntrarju l-konvenut f' dan il-kaz illimita ruhu biss billi cahad il-pretensjoni attrici u sostna li *"in-negozju hekk kif allegat qatt mar sar"* u zied jghid li *"il-pagamenti li ghalihom qed isir referenza huma dejn li kien dovut mill-istess attrici lill-konvenut".* Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu l-konvneut rriproduca t-termini tan-nota tal-eccezzjonijiet, u waqaf hemm minghajr ma ta ebda spjegazzjoni tad-dejn minnu allegat.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li, mill-assjem kollu tal-atti processwali, l-attrici rnexxielha tipprova fuq bazi ta' probabbilita' l-versjoni taghha tal-fatti; u inoltre, jirrizulta provat li l-pagamenti maghmula minnha lill-konvenut kienu saru indebitament, bazati fuq transazzjoni vizjata minn qerq da parti tieghu fil-konfront taghha. Ghaldaqstant it-talba taghha ghar-rifuzjoni tas-somma ta' Lm1,490 hija gustifikata u ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, previa rigett tal-eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici kif dedotta bl-imghax legali kif mitlub, u bl-ispejjez kollha a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------